MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 288/2008

Joseph Sammut (Id. 201155M) ezercenti l-kummerc taht l-isem JS Household Distributors.

Vs

Joseph sive Yose' Buttigieg (Id. 463846M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro, u tmienja u sittin centezmi (€528.68), minghand il-konvenut, rapprezentanti import ta' prezz ta' '*household appliance'*, mibjugha u konsenjata, izda mhux imhallsa. Bl-imghaxijiet fuq l-imsemmi ammont mid-data tal-fattura, u cioe mis-27 ta' Lulju 2005, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro, u tmienja u sittin centezmi (€528.68), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------